REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1349

tat-3 ta' Awwissu 2015

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata dwar l-Afrika t'Isfel fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, ta' tjur u prodotti tat-tjur ("il-prodotti"). Dan jistipula li l-prodotti jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu biss mill-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kumpartimenti mniżżla fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment jitqies li jkun ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).

(3) L-Afrika t'Isfel hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u għall-produzzjoni, bajd għat-tfaqqis u flieles ta' ġurnata tagħhom, laħam tal-għasafar li ma jtirux, bajd, prodotti tal-bajd u bajd SPF huma awtorizzati.

(4) Wara tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N2 fit-territorju tal-Afrika t'Isfel f'April 2011, l-importazzjonijiet ta' għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u għall-produzzjoni, tal-bajd għat-tfaqqis u ta' flieles ta' jum ta' għasafar li ma jtirux, kif ukoll ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux ġew ipprojbiti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2011 ([3]).

(5) Barra minn hekk, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2011 ([4]) u (UE) Nru 110/2012 ([5]) ġew adottati fir-rigward tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-marda.

(6) Sakemm ikun hemm dikjarazzjoni tal-Afrika t'Isfel ta' ħelsien mill-HPAI fit-territorju kollu tagħha, l-importazzjonijiet ta' laħam tal-għasafar li ma jtirux prodott minn għasafar li ma jtirux miżmuma fi stabbilimenti magħluqa rreġistrati ġew awtorizzati bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 166/2014 ([6]), b'aktar adattament bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 952/2014 ([7]).

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tad-dħul tal-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom (ĠU L 147, 2.6.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2011 tal-5 ta' Ottubru 2011 li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tad-dħul tal-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda influwenza tat-tjur patoġenika ħafna (ĠU L 261, 6.10.2011, p. 19).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2012 tal-9 ta' Frar 2012 li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-annotazzjonijiet għall-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom (ĠU L 37, 10.2.2012, p. 50).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 166/2014 tas- 17 ta' Frar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem, u l-entrati tal-Iżrael u tal-Afrika t'Isfel fil-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji (ĠU L 54, 22.2.2014, p. 2).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 952/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 rigward l-entrata għall-Malasja fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u rigward il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' tjur, ta' flieles ta' ġurnata, ta' bajd għat-tifqis, ta' laħam tat-tjur, ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u ta' bajd tat-tiġieġ imrobbija fil-ġaġeġ (ĠU L 273, 13.9.2014, p. 1).

(7) Fit-2 ta' Marzu 2015, l-Afrika t'Isfel issottomettiet tagħrif dwar l-istatus tagħha tal-HPAI u ddikjarat it-territorju kollu tagħha bħala ħieles minn dik il-marda u talbet awtorizzazzjoni biex terġa' tibda l-esportazzjonijiet ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux lejn l-Unjoni.

(8) Din l-informazzjoni ġiet evalwata mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni u tal-garanziji pprovduti mill-Afrika t'Isfel, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li l-importazzjonijiet tal-laħam tar-rattiti għandhom jerġgħu jiġu awtorizzati mit-territorju kollu tal-Afrika t'Isfel.

(9) Għaldaqstant l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata tal-Afrika ta' Isfel tinbidel b'li ġej:

Il-kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Il-kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influwenza tat-tjur	Status tat-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmonella
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq [1]	Data tal-ftuħ [2]			
1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
"ZA — l-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4"
			BPR	I	P2	9.4.2011		A		
			DOR	II	P2	9.4.2011				
			KRI	III	P2	9.4.2011				
			RAT	VII	H	9.4.2011	25.8.2015			